20 ta' Mejju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmela Debono *versus* Salvatore Debono et.

**Serviġi — Taxxa tas-Suċċessjoni — Kummissarju tat-Taxxi Interni — Interess — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 60 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta**

*Skond il-liġi, fil-likwidazzjoni tal-valur tal-assi, għall-finijiet tat-taxxa fuq l-assi, huma deduċibbli, fost sommom oħra, id-djun ċerti u likwidi, li ġejjin minn skrittura privata jew minn dokumenti oħra li wieħed jista' joqgħod fuqhom, kemm il-darba dawn id-djun jiġi mgħoddija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jew jiġu magħrufin b'sentenza mogħtija f'kawża bejn il-partijiet interessati u fil-kontestazzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.*

*Din id-dispożizzjoni għandha tiġi nterpretata fis-sens illi d-djun, biex ikunu hekk deduċibbli, għandhom ikunu ċerti u likwidi meta tinfetaħ is-suċċessjoni, u mhux jiġu aċċertati u jsiru likwidi wara li tkun infetħet is-suċċessjoni.*

*Għaldaqstant, f'kawża li ssir kontra l-eredi għall-likwidazzjoni u ħlas ta' serviġi pretiżi prestati lid-decujus, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma għandux interess li ikun parti; u jekk jiġi mħarrek, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Għax, ikun x'ikun l-eżitu ta' dik il-kawża, ebda influwenza ma jista' jkollu fuq il-passiv tal-assi ta' dak id-decujus, billi ma jkunx deduċibbli l-ammont li talvolta jiġi likwidat bi ħlas tas-serviġi.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi għal tnax il-sena, ċjoè mill-1940 sal-mewt li ġrat fil-11 ta' Jannar 1953, l-attriċi rrendiet lill-mejta Angiolina Giordmaina serviġi, kuri u assistenzi, sija fil-mard u sija matul iż-żmien kollu; u peress illi l-istess Angiolina Giordmaina dejjem kienet twiegħed li tikkompensa lill-attriċi, tant illi b'testment tagħha tal-21 ta' Awissu 1941 kienet ħallietilha legat tal-fondi numri 184 u 185 Sliema Wharf, Sliema, legat li iżjed tard irrevokat

bit-testment suċċessiv tal-25 ta' Novembru 1952; talbet li tiġi likwidata, okkorrendo b'opera peritali, is-somma dovuta lill-attriċi minnu bħala eredi tal-istess Giordmaina, għas-serviġi u kuri u assistenzi hekk magħmula, billi jiġi l-konvenut Debono kundannat li jħallas l-ammont li jiġi hekk likwidat; bl-imgħax mill-likwidazzjoni u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Fil-kontumaċja tal-konvenut Salvatore Debono;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita karenza ta' interess f'din il-kawża tal-konvenut Nutar Gatt bħala Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Illi, skond l-art. 60 tal-Kodiċi 70 tal-Liġijiet Riveduti (li jikkorrispondi għall-art. 58 tal-Ord. XVIII tal-1918), "fil-likwidazzjoni tal-valur tal-assi, għall-finijiet tat-taxxa fuq l-assi, għandhom jitnaqqsu......... (b) id-djun, ċerti u likwidi, li ġejjin minn skrittura privata jew minn dokumenti oħra li wieħed jista' joqgħod fuqhom, kemm il-darba dawn id-djun jiġu mgħoddijin mill-Kollettur (il-lum Kummissarju tat-Taxxi Interni) jew jiġu magħrufin b'sentenza mogħtija f'kawża bejn il-partijiet interessati u f'kontestazzjoni mal-Kollettur";

Dina d-dispożizzjoni ġiet meħuda mill-art. 54 tal-liġi taljana "Sulle tasse di Registro"; u minnha jidher li l-leġislatur ried jipproklama l-prinċipju li d-djun deduċibbli mill-assi huma dawk biss ċerti u likwidi, b'data ta' qabel l-apertura tas-suċċessjoni, u li jirriżultaw minn att publiku, sentenza jew skrittura privata, inkella minn dokumenti oħra attendibbli. Il-Clementini, fit-trattat "Legge sulle Tasse di Registro" (Vol. II, paġ. 82) hekk imur jikkommenta l-imsemmija dispożizzjoni:— "Il debito, per essere dedotto, deve avere gli estremi della certezza e della liquidità........ E' liquido quando è accertata la sua quantità, nel mentre è illiquido quando l'accertamento della sua quantità deve risultare da indagini posteriori all'apertura della successione........ si ammette che un debito possa giuridicamente esistere nei rapporti di diritto comune tra il creditore e l'erede del debitore; ma ciò non pertanto, con presunzione "juris et de jure", la legge speciale sul registro lo ritiene inesistente per gli effetti della determina-

zione della tassa di successione quando la certezza e la liquidità sua non possa essere giustificata con quei mezzi specifici coi quali è venuta a creare un istituto probatorio tutt'affatto speciale per le passività ereditarie". Dan l-insenjament ġie adottat mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "Salvatore Fenech et. vs. Onor. J. Galizia ne.", deċiża fis-6 ta' Diċembru 1935 (inedita). L-iskop ta' dina r-restrizzjoni, kif spjegat dik l-istess Qorti, kien in-neċessità "di conciliare l'interesse del contribuente, perche' costui non abbia a risentire ingiusta gravezza, con quello dell'erario, perche' questo sia tutelato contro possibili tentativi di evasione" (v. "Zammit vs. Onor. Huber ne.", 7 ta' Jannar 1921);

Illi, fuq l-iskorta ta' dina l-interpretazzjoni, tidher ċara l-inutilità tal-preżenza f'dina l-kawża tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Infatti l-kawża għandha bħala oġġett il-ħlas ta' kumpens għal servigi mill-attriċi prestati lid-decujus Angiolina Giordmaina — kumpens li għad irid jiġi likwidat "okkorrendo b'opera peritali". Il-kreditu tal-attriċi, jekk il-pretensjoni tagħha tkun akkolta, isir ċert u likwidu wara li tkun infetħet is-suċċessjoni; u għalhekk, għall-fini tal-imsemmija taxxa, ma jkunx jista' jiġi ammess fil-passiv tal-assi;

Illi lanqas tista' tiġi adottata l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXV-I-391; għaliex, kuntrarjament għal dak li tallega l-attriċi, li ċjoè bil-legat lilha mħolli bit-testment tal-21 ta' Awissu, 1941, it-testatriċi riedet tikkompensaha tasserviġi li pprestatilha, ebda aċċenn fid-dispożizzjoni ma hemm li l-legat huwa rimuneratorju, u għalhekk mhux leċitu li l-Qorti tirritjenih tali (arg. art. 742 Kod. Ċiv.);

Illi minn dana jidher li, ikun x'ikun għall-attriċi l-eżitu tal-kawża, ebda influwenza ma jista' jkun hemm fuq il-passiv ta' l-assi ta' Angiolina Giordmaina, u għalhekk il-konvenut Gatt ma għandux interess f'dina l-kawża; u dana apparti l-konsiderazzjoni li l-attriċi, bħala sempliċi kreditriċi ta' l-assi, ma turix kif jista' jkollha interess fil-likwidazzjoni ta' taxxa li tagħha hija mhix responsabbli;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess opposta minn Nutar Dottor Vincenzo Gatt;

U konsegwentement tilliberah mid-domandi ta' l-attriċi; bl-ispejjeż. U tordna li l-kawża titkompla fil-meritu fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju, 1955; għal liema ġurnata qegħedha tiġi differita l-kawża.